**Aħna**

Ħarist f'għajnejk u rajt
'l-ieħor jiddi aktar mill-fjammi
tax-xemgħat mixgħulin fis-salott -

Iż-żifna ta' bejn tlieta
tintilef f'ritmu mgħaġġel
taparsi naċċetta din ir-realtà
iżda naqbad il-lozor li ħxejtni fihom
u ngarahom żewġ sulari 'l isfel
għax issa mċappsin bi ħmieġu wkoll -

Tgħid immur ngħidlu li
inti ħalliel
tisraq il-kmarar tal-qlub
u tagħsarhom sakemm
id-demm jirtogħod ma' jdejk -

Iż-żifna ta' bejn tlieta
mhux ħati inti biss
nipprova nħuf ftit
imma l-bixkilla tiegħi vojta
ma naqbad xejn
għax qatt ma tgħallimt nonsob -

L-għada
ngħidlek li kollox sew
Però l-ankri li jżommuni
Imsaddin u appik li jitmermru

*Luke Galea*